KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 09

**It-Tlieta 26 ta' Novembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

## 09.1 Qari tal-Apoloġiji

09.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 6, 7 u 8

09.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat numru 6, 7 u 8 li kienu meqjusa moqrija.

09.2.2 Dwar minuti minn laqgħa numru 6, kien hemm emendi kif ġej:

Fuq talba tal-Kunsillier Borg, kien hemm qbil unanimu li f'paragrafu 62.2.01b jiżdiedu l-kliem 'tal-PN' sabiex is-sentenza taqra 'Tkellem ukoll dwar il-manifest elettorali tal-PN fejn ma jissemma' xejn dwar il-flyer'.

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ġibdet l-attenzjoni li bi żball, taħt isimha, is-SE preċedenti kien niżżel il-kelma Aġent. Kien hemm qbil li din titneħħa u tinqara biss 'Segretarju Eżekuttiv'.

Il-minuti tal-laqgħa numru 6 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

09.2.3 Hawnhekk waslet il-Viċi Sindku. Il-ħin kien is-5:40pm.

09.2.4 Dwar minuti minn laqgħa numru 7, kien hemm emendi kif ġej:

Fuq talba tal-Kunsillier Agius, kien hemm qbil li tiżdied din is-sentenza fl-aħħarnett ta' para 7.5.06 – Maurice informa li hu kien diġà għamel kuntatt mal-familjari ta' Fr Joe Calleja u dawn ma sabu ebda oġġezzjoni li jerġa' jiġi ppubblikat iżda l-oriġinali ma jafux fejn huma.

Is-SE ġibdet l-attenzjoni li bi żball, taħt isimha, is-SE preċedenti kien niżżel il-kelma Aġent. Kien hemm qbil li din titneħħa u tinqara biss 'Segretarju Eżekuttiv'.

Il-minuti tal-laqgħa numru 7 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

09.2.5 Dwar minuti minn laqgħa numru 8, kien hemm emendi kif ġej:

Is-SE ġibdet l-attenzjoni li bi żball, taħt isimha, is-SE preċedenti kien niżżel il-kelma Aġent. Kien hemm qbil li din titneħħa u tinqara biss 'Segretarju Eżekuttiv'.

Il-minuti tal-laqgħa numru 8 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 09.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

09.3.1 Is-Sindku informa li skont kumment li ttella' fuq il-paġna ta' facebook, wieħed mill-Kunsilliera kien kwota parti minn ittra li ntbagħtet lil IM, liema paragrafu ma jikkorrispondix ma' dak li kien hemm qbil li jingħad fuq il-minuti. Huwa staqsa lill-eks Sindku għaliex kien hemm din id-diskrepanza u min ta l-ordni biex jinbidel. Min-naħa tagħna, il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li ma tiftakarx u ma jidhrilhiex li ngħatat l-ordni biex dak il-paragrafu jinbidel.

09.3.2 Hawnhekk is-Sindku talab li l-laqgħa tiġi sospiża temporanjament sabiex is-Sur Ryan Mercieca, li kien rebaħ l-offerta bħala Liaison Officer f'isem il-Kunsill dwar il-proġett ta' IM fl-Imsida, ikun jista' jagħti feedback dwar il-laqgħa li kienet inżammet aktar kmieni dakinhar.

09.3.3 Kopja tal-minuti tal-laqgħa jinsabu f'Anness 1.

09.3.4 Il-laqgħa tkompliet fis-6:20pm.

09.3.5 Hawnhekk il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni li waqt laqgħa li l-Prim Ministru kellu ġewwa l-Imsida l-Ħadd li għadda, huwa kien instema' jgħid li l-Kunsill Lokali huwa kontra l-proġett. Hija xtaqet tagħmel kjarifika li min-naħa tagħhom mhumiex kontra l-proġett iżda kontra l-ammont ta' traffiku li kien se jiżdied minħabba l-*flyover*.

09.3.6 Dwar para. 7.3.6, is-Sindku informa li l-management tal-Junior College kienu infurmawh li se jieħdu ħsieb li jagħmlu xi dekorazzjonjiet tal-Milied min-naħa tagħhom.

09.3.67 Dwar para. 7.3.7, is-Sindku informa li TM kienu approvaw li ma jsirx parkeġġ ħlief għall-vannijiet minħabba t-tfal tal-Iskola. Il-management tal-Kulleġġ St Martin kienu aċċettaw li jagħmlu tajjeb għat-tabelli u l-immarkar huma stess.

09.3.8 Dwar para. 7.3.10, is-Sindku informa li ma kellu ebda risposta.

09.3.9 Fir-rigward ta' para. 7.3.12, is-Sindku informa li hu u s-SE kellhom laqgħa ma' membri ta' TM kif ukoll mas-Surġent tal-Pulizija tal-Komunità dwar vetturi abbandunati u minħabba li ma kellhomx informazzjoni kien hemm qbil li għandhom jivverifikaw u jibgħatu kollox bil-miktub.

09.3.10 Dwar para. 7.3.13 is-Sindku informa li l-laqgħa mas-sajjieda ma saritx u kienet se ssir aktar 'il quddiem.

09.3.11 Dwar para. 7.4.05, is-Sindku informa li l-għassa kienet bdiet titħaddem mill-uffiċċju tal-Kunsill. Fuq qbil mal-Kunsill is-Sindku kien se jikteb lill-Ministru biex is-servizz jingħata fuq bażi ta' 24 siegħa 7 ijiem fil-ġimgħa.

09.3.12 Dwar para. 7.4.13 is-Sindku informa li kien beda jaħdem ħaddiem ieħor tal-komunità minn dik il-ġimgħa, iżda dan xorta ma kienx isuq. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha tissejjaħ *call* sabiex ikun impjegat ħaddiem mill-Kunsill direttament u jkun fuq skala 18. Sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż is-SE issuġġeriet li l-persuna titħaddem biss fuq bażi ta' 30 siegħa fil-ġimgħa u jkun kemm *driver* kif ukoll *handyman*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu u talab lis-SE sabiex tmexxi mad-DGL.

09.3.13 B'riferenza għal para. 7.4.14 dwar l-Għajn tal-Ħasselin, is-Sindku rringrazzja lis-Sur Grima, il-papà tal-Ministru, minħabba li grazzi għall-għajnuna tiegħu, ġiet irranġata parti mill-problema.

## 09.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

09.4.1 Dwar para. 7.4.17, il-Kunsillier Agius staqsa jekk jistax jingħata rendikont ta' x'hemm pendenti. Is-SE infurmat li kien qed isir eżerċizzju biex jiġu mqabbla imma se tkun qed tagħti rendikont f'xi laqgħa fil-viċin. Hawnhekk hija ġibdet l-attenzjoni li bħalissa qed jintefqu ħafna flus fuq is-servizz ta' skart goff u li hemm bżonn li tinstab soluzzjoni mill-aktar fis possibbli għaliex bħalissa kulma qed jintefa' barra qed jinġabar l-għada a spejjeż kbar tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku qal li qed isir infurzar u importanti li dan jiżdied aktar. Is-Sindku ssuġġerixxa biex isir eżerċizzju biex jiġi kkalkulat xi jkun l-iktar metodu ekonomiku biex is-servizz jibqa' jingħata kif inhu.

09.4.2 Il-Kunsillier JC Borg informa li kien tkellem ma' tal-banda kif ukoll ma' tal-Iskola Primarja u kien hemm qbil li jistgħu jmorru jdoqqu xi kanzunetti tal-Milied fi żmien il-Milied. L-attività tista' ssir nhar it-Tlieta 17 ta' Diċembru fis-1pm. Il-prezz kien ta' €300 għal għaxar bandisti. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi b'din l-attività.

09.4.3 Il-Kunsillier JC Borg informa li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma tistax tinżamm nhar it-18 ta' Marzu. Huwa kien għamel kuntatt mal-iskejjel u l-iktar ġurnata komda għal kulħadd hija l-10 ta' April. Għaliha setgħu jattendu madwar 20 – 22 bandist. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u l-Kunsillier JC Borg se jieħu ħsieb li jikkoordina mal-iskejjel u l-banda.

09.4.4 Il-Kunsillier JC Borg preżenta sketch għall-mixgħela tal-Ġimgħa l-Kbira. Minħabba li din is-sena mhux se jkun hemm pjazza fejn issir din il-mixgħela huwa fassal xi ħaġa adattata għal fuq iz-zuntier. Il-Kunsill kollu qabel fil-prinċipju. Is-Sindku talab lill-Kunsillier JC Borg biex jagħti stima tal-ispejjeż biex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi dwarha.

09.4.5 Il-Kunsillier JC Borg informa li kien għadu qed jiġbor l-istimi tad-3D printing.

09.4.6 Il-Kunsillier JC Borg informa li dwar il-kotba ta' Fr Joe Calleja kien qed jistenna kwotazzjonijiet wara li kkonferma li dan seta' jiġi skennjat u stampat.

09.4.7 Is-Sindku informa li kellu talba biex jinxtara l-ktieb Karamellu tar-Raħal t'isfel. Il-Kunsill qabel li għandu jinxtara.

09.4.8 Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg informa li kien se jkollu jiskuża ruħu mil-laqgħa minħabba impenn ieħor. Qabel telaq iżda xtaq li jwassal il-proposti tiegħu dwar it-tismija tat-toroq, kif ġej: it-triq tal-mużew tissemma' għall-Professur John Rizzo Naudi; it-taraġ jissemma' għal Lisa Zammit; Triq il-Kunċizzjoni, il-parti ta' quddiem il-Każin tal-Banda tissemma' għas-Sur John Cassar Naudi; u t-triq l-oħra għas-Sur Francesco Tabone.

09.4.9 Il-Kunsillier JC Borg skuża ruħu fis-7.10pm.

09.4.10 Dwar para. 7.4.18, il-Kunsillier Chircop informa li s-sottokumitat kien iltaqa' mas-sewwieq tal-vann tal-Kunsill u dan kien ikkonferma li s-servizz tal-vann ma kienx qed jitħaddem bl-aħjar metodu. Fuq is-suġġerimenti li propona s-sottokumitat, kien hemm qbil għaldaqstant li s-servizz ikun permezz ta' appuntament li jsir preferibbilment minn jumejn qabel. Dan se jinbeda min-nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru għat-tliet xhur li ġejjin. Fi Frar, is-sottokumitat għandu jerġa' jiltaqa' biex jikkonferma jekk għandux ikompli b'din l-iskeda jew le. Kien hemm qbil ukoll li temporanjament għandhom jitgħattew it-tabelli l-qodma. Kien hemm qbil unanimu wkoll li minbarra n-numru ta' postijiet determinati mill-Kunsill, wieħed seta' jitlob ukoll li jitwassal minn triq għal oħra sakemm ikun fil-lokalità tal-Imsida.

09.4.11 Dwar para. 7.5.09, is-Sindku informa li wara ħafna insistenza mill-amministrazzjoni tal-Kunsill, il-garaxx ta' Triq l-Għajn tal-Ħasselin fl-aħħar kien tnaddaf.

09.4.12 Dwar para. 7.5.08, il-Kunsillier Chircop staqsa jekk kinitx intbagħtet kommunikazzjoni lill-Korporazzjoni Enemalta. Is-SE skużat ruħha imma ma kellhiex informazzjoni dwaru. Se tkun qed tagħti informazzjoni waqt il-laqgħa li jmiss.

09.4.13 Il-Kunsillier Agius staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-wiring tal-galleriji. Is-SE infurmat li kienet staqsiet lis-SE preċedenti u ma setax jiftakar dwarhom. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li x-xogħol kien sar madwar 8 snin ilu. Kien hemm qbil li s-SE għandha ssaqsi lill-avukat dwar jekk min għamel ix-xogħol għadux legalment responsabbli.

09.4.14 Għall-mistoqsija dwar para. 7.4.8 is-SE infurmat li kienet intabagħtet l-ittra lil TM.

09.4.15 Dwar para. 7.5.18, wara mistoqsija tal-Kunsillier Agius, saret diskussjoni fejn kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel applikazzjoni ma' TM għal *timed parking* mill-10:00am sal-4:00pm bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa minflok parkeġġ għall-*un/loading*.

09.4.16 Il-Kunsillier Agius ġibed l-attenzjoni li fi Triq Rue D'Argens hemm tabella b'*timed parking* u qed tiġi abbużata u għaldaqstant propona li ssir *un/loading for commercial vehicles only*. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill l-ewwel għandu jibda bl-infurzar u jekk dan ma jaħdimx terġa' ssir diskussjoni.

09.4.17 Dwar para. 7.5.19 il-Kunsillier Agius qal li kienu madwar 37 persuna u lkoll ħadu gost ħafna. Hawnhekk il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li skont ma ġiet infurmata, meta jkun hemm ħarġa tal-grupp tad-Day Centre, l-istaff mhux iħallu lil dawk l-anzjani li ma jattendux biex jidħlu fid-Day Centre.

09.4.18 Dwar para. 7.5.22, is-SE infurmat li kienet inġabet kwotazzjoni għar-rikostruzzjoni tal-bankina. Skont ma ġiet infurmata, il-kuntrattur kien qabel li jħallas lil min se jagħmel il-kostruzzjoni tal-bankina hu direttament. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar kif se jipproċedi l-Kunsill fuq kwistjoni ta' krejnijiet u garanziji, il-Kunsill qabel li dejjem għandu jimxi skont il-każ.

09.4.19 Dwar para. 7.5.20, il-Kunsillier Agius ikkonferma li għal din id-darba r-rigal lill-anzjani se jingħata b'donazzjoni minn donatur imma ġie infurmat li min-naħa tad-Day Centre ma jagħtux Rigali lanqas.

09.4.20 Hawnhekk il-Kunsillier Agius skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kienu t-7:38pm.

09.4.21 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku, il-Kunsillier Farrugia informa li dwar il-kwistjoni tal-framework agreement, kienet se ssir laqgħa mal-Perit inkarigat fil-ġranet li ġejjin.

09.4.22 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Farrugia dwar il-kamra li se tingħata lill-Kunsill, is-Sindku informa li kien tkellem mas-sid u dan kien infurmah li għadu qed jistenna *clearance* mill-ERA.

09.4.23 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-visiting cards u t-tags, is-SE infurmat li kienet se tivverifika u tkellem lill-Kunsill lura.

09.4.24 Hawnhekk skużat ruħha l-Viċi Sindku. Il-ħin kien it-7:40pm.

## 09.5 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

09.5.1 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li bla ebda preġudizzju lejn is-SE, hi u l-grupp tagħha kienu taħt l-impressjoni li biex isir l-impjieg tas-SE kien hemm il-ħtieġa li jkun hemm sejħa pubblika. Is-Sindku informa li s-SE ġiet impjegata wara li għamlet talba għal trasferiment u għaldaqstant il-proċess tal-impjieg tagħha kien differenti minn sejħa pubblika. Dan kollu ġie spjegat waqt laqgħa li hu, is-Sindku, is-SE kif ukoll il-Kunsillier Baldacchino Cefai kienu

attendew għaliha flimkien mad-DG fejn dan ta dettalji ta' kif jaħdem il-proċess ta' trasferiment minn Kunsill għal ieħor u li kemm is-SE kif ukoll il-Kunsill kienu mxew fuq il-parametri legali.

09.5.2 Is-Sindku informa li s-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, MUSEUM Subien tal-Imsida kienu talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jagħmlu purċissjoni fit-toroq tal-Imsida u wara jkun hemm kant fuq iz-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

09.5.3 Is-Sindku informa li kien se jiġi organizzat festin għat-tfal mill-AKL.

09.5.4 Is-Sindku informa li l-AKL kienet se torganizza tournament tal-futbol nhar it-22 ta' Diċembru. Il-Kunsillier Chircop kien se jieħu ħsieb jorganizza tim.

09.5.5 L-Għaqda Melita Banda San Ġużepp se jkunu qed jipparteċipaw fil-purċissjoni organizzata mis-Soċjetà tal-Mużew nhar l-24 ta' Diċembru. Kien hemm qbil li l-Kunsill se jagħti l-għajnuna finanzjarja lil din l-għaqda billi jiffinanzja nofs il-programm.

09.5.6 Is-Sindku informa li importanti li lill-għaqdiet il-Kunsill jissuġġerilhom biex japplikaw għall-fondi mas-SEM.

09.5.7 Is-Sindku informa li wara deċiżjoni tal-Kunsill, il-GreenPak kienu qablu li l-iBins ta' Triq Victor Denaro se jitmexxew għal Triq Indri Grima fis-Swatar. Is-Sindku informa li l-bins tal-BCRS se titmexxa ħdejhom, kaxxa minn tal-ħwejjeġ tinżel ukoll u l-oħra se titneħħa.

09.5.8 Is-Sindku informa li TM kienu għamlu suġġeriment dwar iż-żona ta' Triq Esperanto. Minħabba li kienet se tintuża parti mit-triq tal-Università, kien hemm qbil li qabel ma tiġi implimentata għandu jsir kuntatt mal-Università.

09.5.9 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu marru laqgħa fuq il-post fi Triq Achille Ferris fejn iltaqgħu mar-residenti. Kienu ntbagħtu wkoll żewġ *emails* lill-Ministru però sal-ġurnata ma kien bagħat ebda risposta lura. Skont ir-residenti huma kienu lesti li jagħmlu petizzjoni għaliex qed jgħixu f'periklu kbir u għandhom inkonvenjenza kbira u nuqqas ta' aċċessibbiltà. Il-kuntrattur kien informa li hu għandu bżonn jibda b'mod imminenti.

09.5.10 Is-Sindku informa li hu u s-SE kellhom laqgħa mal-pulizija u ma' rappreżentanti ta' TM dwar l-iskate park. Ir-rappreżentant tal-Kunsill Malti għall-Isport ma kienx attenda. Min-naħa tagħhom TM infurmaw li ma kellhomx informazzjoni dwar l-i*skate park*.

09.5.11 Hawnhekk il-Kunsillier Mallia talab lis-SE tgħaddilu l-informazzjoni biex ikun jista' jagħmel pressjoni hu għal risposti.

09.5.12 Is-Sindku informa li l-Kunsill Reġjonali Lvant kien nieda skema għal tiżjin ta' dawl dekorattiv sa massimu ta' €3000. Il-Kunsill qabel li japplika għal dawn il-fondi.

09.5.13 Huwa informa wkoll li kien għamel tentattiv mal-MTA biex jgħaddulu xi fondi wkoll iżda dawn kienu infurmawh li kienu eżawrewhom. Sadanittant huwa informa li kien irnexxielu jdaħħal €15,850 f'fondi mingħand kumpaniji privati. Kien se jipprova jara wkoll li jiżdiedu xi dekorazzjonijiet mal-*iskate park* sabiex is-sena d-dieħla jintalbu *sponsorships* mill-*businesses* tad-dawra.

09.5.14 Is-Sindku fakkar li kien hemm skema fejn il-Kunsill kien se jixtri xi siġar tal-larinġ u taż-żebbuġ fosthom għaż-żona ta' Msida Circus. Is-SE infurmat li kienet marret mal-Kunsillier Farrugia u mal-kuntrattur u kien hemm qbil li minħabba li hemm is-siġar tal-ewkaliptus u tant m'hemmx xemx f'dik iż-żona, li ebda siġra tal-frott ma kienet se jirnexxielha tgħix. Min-naħa tagħha talbet permess lill-Kunsill biex tagħmel kuntatt ma' Project Green forsi joħorġu b'xi proġett żgħir ta' tisbiħ huma.

09.5.15 Dwar it-tismija tat-toroq is-Sindku ssuġġerixxa biex kull min għandu xi isem x'jipproponi jista' jgħaddih lill-Kunsillier Baldacchino Cefai.

09.5.16 Il-Kunsillier Mallia informa li kellu offerta mingħand l-STC biex jekk ikun hemm xi xogħol fuq IT, dan jista' jsir minn xi studenti bla ebda ħlas.

09.5.17 Il-Kunsillier Chircop informa li n-*nursery* għandhom żona' ta' rikreazzjoni u kienu għamlu talba biex ngħaddulhom il-bandli tal-pjazza jekk ma kinux se jintużaw aktar. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju. Il-Kunsilliera Chircop u Farrugia kienu se jiltaqgħu magħhom.

09.5.18 Fuq proposta tal-Kunsillier C. Borg kien hemm qbil li jiġi kreat sottokumitat dwar il-fondi tal-UE u li fuqu jkun hemm hu bħala ċ-Chairman, il-Kunsillier Baldacchino Cefai u s-Sur Alexander Zammit. Huwa informa li kienu se jieħdu ħsieb li jgħaddu rapport lill-Kunsill kull tliet xhur. Sadanittant kien hemm ukoll qbil li l-Kunsill għandu jimpjega persuna għal numru ta' sigħat fix-xahar biex tagħti daqqa t'id fuq il-proġett inniffsu u l-ħlas ikun mill-fond tal-proġett direttament.

09.5.19 Il-Kunsillier Farrugia informa li fir-rigward tax-xogħol fil-pjazza, kienet ingħatat lista ta' dawk l-affarijiet li nxtraw mill-Kunsill u li jinsabu fuq l-inventarju u li ttieħdu għal Ħal Luqa. Il-Kunsill qabel li dak il-ħadid li mhux se jkun hemm aktar bżonnu għandu jinbiegħ.

09.5.20 Il-Kunsillier Farrugia semma' li kien ferħan ħafna li ġiet inawgurata l-iskola primarja l-ġdida imma kien jistenna li l-iskola kellha tistieden lill-Kunsill kollu. Il-Kunsillier Chircop qabel miegħu.

09.5.21 Il-Kunsillier Farrugia informa li hu, il-Kunsillier C. Borg u l-Kunsillier Baldacchino Cefai kienu attendew għall-EXPO u li kienu sabuha interessanti ħafna.

09.5.22 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kien sar vandaliżmu fil-latrina pubblika u kienet ingħalqet temporanjament. Hawnhekk ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien qed jonfoq ħafna flus fuqha meta din kienet fi stat diżastruż. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jżomm din il-latrina magħluqa u jwaqqaf is-servizz tat-tindif mill-1 ta' Diċembru.

09.5.23 Is-SE infurmat li kien hemm bżonn li l-vann tal-komunità kif ukoll il-vann tal-ħaddiema tal-Kunsill jiddawwar fuq isimha minflok fuq isem is-SE preċedenti minħabba kwistjoni ta' liċenzja kif ukoll assigurazzjoni. Il-Kunsill qabel li jinbidlu minn fuq Alan Vella għal fuq Josette Micallef.

09.5.24 Is-SE infurmat li hemm bżonn li jinbidel il-firmatarju tas-Segretarju Eżekuttiv mil-lat tal-bank. Għaldaqstant il-firmatarju mil-lat amministrattiv għandu jinbidel minn Alan Vella għal Josette Micallef.

09.5.25 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienet irċeviet rapport dwar ħsara f'tyre minħabba ħofra viċin il-Junior College u kienet qed tistenna oħra dwar ħofra fi Triq San Alwiġi. Is-SE irraġunat li normalment persuna li jkun qed isuq b'massimu ta' 40km/hr ma kienx se jagħmel dik il-ħsara. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha titkellem mal-avukat tal-Kunsill.

09.5.26 Is-SE infurmat li l-kuntratt tal-manutenzjoni tal-ġonna kien se jiskadi f'Jannar 2025 u għaldaqstant kienet bdiet taħdem fuqu.

09.5.27 Il-Kunsillier Farrugia informa li kien hemm problema bil-*planters* tat-taraġ ta' bejn Triq San Alwiġi u Triq il-Kunċizzjoni minħabba li ma kinitx saritilhom sistema ta' irrigazzjoni bil-lest. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li fix-xhur li ġejjin kellu jibda x-xogħol ta' twaqqigħ fuq il-binja tan-naħa l-oħra u għaldaqstant kien jagħmel sens li minħabba li kien l-istess sid, il-Kunsill jitkellem miegħu biex ma jkunx hemm l-istess problema.

## 09.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rapporti

09.6.1 Ma kienx hemm preżentazzjoni ta' rapporti.

## 09.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

09.7.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-09), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Chircop issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 09.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

09.8.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:50pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2024.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Is-Sindku introduċa lis-Sur Ryan Mercieca mal-Kunsilliera u avża li s-Sur Mercieca kien rebaħ l-offerta tal-Liaison Officer. Is-Sur Mercieca kien se jibda jattendi għal-laqgħat kollha f'isem il-Kunsill, b'mod speċjali l-*progress meeting* li jsir kull nhar ta' Tlieta u wara jattendi għal-laqgħa tax-xahar tal-Kunsill biex jagħti *feedback*.

Hawnhekk is-Sindku fakkar lill-Kunsill li s-Sur Mercieca għandu jieħu ordnijiet biss mingħand is-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Mercieca informa li minħabba li kien hemm sistema tad-dawl antika li kienet qed tagħti xi problem, kien sar dawl ieħor temporanju.

Huwa informa li minn dak il-lejl kien se jinbeda xogħol fuq it-traffic island ta' Triq M.A. Vassalli li beħsiebu jkompli sa Jannar. Se jkun qed isir xogħol bil-makkinarju kbir matul il-lejl u xogħol flimkien mal-monitors tal-SCH matul il-ġurnata. Matul il-ġimgħa ta' wara kellu jiġi installat is-*site office* u l-laqgħat għandhom jibdew isiru hemmhekk. Beda l-proċess biex jibdew jitneħħew is-siġar u l-pjanti fil-parti ta' quddiem il-Knisja u dawn se jitħawlu faċċata ta' Pantalesco biex jibqgħu fil-lokalità u l-kuntrattur se jkun responsabbli mill-irrigazzjoni tagħhom għal numru ta' snin. Huwa informa li kienu ngabu l-permessi neċessarji mingħand l-ERA u kienu se jgħaddu l-inventarju tagħhom lill-Kunsill.

Dwar il-luzzu kien ġie infurmat li dan se jitmexxa għal Ħal Luqa fejn il-Kunsill kien ġie offrut li jara li jiġi rranġat minn xi *craftsmen* lokali u IM jgħaddu l-fondi lill-Kunsill għar-restawr tiegħu. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li kienet se tkellem lill-persuna li għadda l-luzzu lill-Kunsill biex tara għandhux fejn iżommu u jekk hux interessat jagħmel ir-restawr hu. Sadanittant is-Sur Mercieca kien se jgħaddi xi ritratti tal-luzzu lis-SE biex ikun hemm rekord tal-istat tiegħu fil-preżent.

Hawnhekk is-Sindku informa li l-Perit responsabbli mill-proġett, il-Perit Anton Zammit kien wasal sal-uffiċċju aktar kmieni dik il-ġimgħa fejn ta rendikont tax-xogħlijiet kemm lilu kif ukoll is-SE.

Is-Sur Mercieca informa li għandu jsir xogħol fuq il-ħajt fi Triq A.M. Vassalli għalkemm m'hemmx data għalissa. Il-Kunsillier Farrugia informa li skont il-Perit Zammit IM diġà kienet għamlet kuntatt mar-residenti ta' fejn se jitwaqqa' l-ħajt tal-bitħa tagħhom. Ħdejn l-AVIS se jibda xi xogħol wara li jkun tlesta x-xogħol ta' Triq A.M. Vassalli u t-triq li mill-Belt iddur mal-klabb tal-boċċi u terġa' tagħti lejn il-Belt kienet se tingħalaq. IM kienu diġà tkellmu ma' tal-boċċi u għal nofs Jannar dawn kienu se jżarmaw biex issir rilokazzjoni. Hawnhekk kien se jsir xogħol ta' drenaġġ preparatorju u milli jidher dan kien madwar sular u nofs 'l isfel.

Il-parkeġġ ta' ħdejn il-monument irid jitneħħa u se jitmexxa sal-aħħar ta' din il-ġimgħa għal fejn kienet id-dar tal-anzjani. Hawnhekk, il-Kunsill talbu lis-Sur Mercieca biex jitlob lil IM biex jagħmlu tabelli ta' *No commercial vehicles - for residents only*. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier JC Borg ien hemm qbil ukoll li jitwaħħlu xi *floodlights* biex ikun hemm aktar sigurtà. Hawnhekk kien hawn diskussjoni wkoll dwar jekk għandhomx jeħlu xi *security cameras*. Fuq suġġeriment

tal-Kunsillier Chircop kien hemm qbil li possibbilment naħa jsir dħul u n-naħa l-oħra tkun il-ħruġ minħabba li kien hemm restrizzjoni fil-wisa' tal-bokka tal-parkeġġ.

Is-Sur Mercieca informa wkoll li d-daħla tal-baħar kienu se jordmuha. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar x'se jiġri minħabba ilma tax-xita, il-Kunsillier Farrugia informa li kienu ntefgħu katusi kbar fuq il-post iżda min-naħa tiegħu, is-Sur Mercieca kien se jsaqsi jekk kienx hemm xi pjan temporanju dwar l-ilma tax-xita.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar jekk hux se jkun hemm spazju miftuħ fil-pjazza sabiex il-Każin tal-Banda jkun jista' jarma bl-arbli u għall-kunċert, is-Sur Mercieca informa li kien se jwassal il-messaġġ lil IM. Is-Sindku informa li skont il-Perit Zammit, sal-festa kienu se jlestu t-triq ta' mal-baħar biex tkun tista' tintuża matul il-ġranet tal-festivitajiet. Wara li tgħaddi l-festa kienu se jitkomplew ix-xogħlijiet. Huwa informa wkoll li meta l-Perit ġie mistoqsi hux se jkun hemm bankina għal min ikun irid ikompli bil-mixi mix-xatt tal-Imsida għax-xatt tal-Pietà, dan kien infurmah li ma kienux ħasbu għaliha iżda għadhom fl-istadju li jemendaw il-pjanti, anke għaliex fil-preżent fuq il-pjanta hemm diġà *cycle lane* u għaldaqstant jistgħu jinkorporaw magħha parti pedonali.

Inġibdet l-attenzjoni wkoll mill-Kunsillier Chircop li madwar il-monument ikun hemm ukoll in-nar tal-art fi żmien il-festa u għaldaqstant importanti li ma jkunx hemm makkinarju goff għal dawk it-tlett ġimgħat tal-festa. Is-Sindku talab li 'l quddiem issir laqgħa mal-għaqdiet li jaħdmu fuq il-festa.

Il-Kunsillier Chircop staqsa dwar *timeframes* għall-proġett. Is-Sindku informa li skont il-Perit Zammit, l-ewwel fażi hija t-triq (sal-pjazza) u l-ħajt ta' Triq A.M. Vassalli (madwar 6 xhur). Wara għandha ssir il-flyover u mbagħad jibda x-xogħol ta' taħt.

******